KUNSILL LOKALI VALLETTA | VALLETTA | VALLETTA LOCAL COUNCIL

Città Umilissima

# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 67

fl-Uffiċċju tal-Kunsill, **it-Tlieta, 2 ta'Ottubru 2012 fis-6.00 p.m**.

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu preżenti s-Sindku, u l-Kunsillieri Valerie Borg, Vincent Farrugia, Peter Buontempo. L-Viċi Sindku Joseph Spiteri gie għal laqgħa pero kellu jitlaq minħabba ragunijiet personali.
Il-Kunsillieri Raymond Azzopardi u Mario Camenzuli ma attendewx għal laqgħa minħabba direttiva li qallu li ħarġet mill-Partit Laburista.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru. 66 li saret nhar It-Tlieta 11[ta'] Settembru 2012, kienu konfermati.

Infetħu tenders tal-Patching tat-Tarmac u Pavimentar ta' Sqaq l-Iljuni.

Chris Pullicino spega l-evalwazzjoni li saret fuq it-tenders li kienu nħargu taċ-ċentru kummerċjali u dak tal-knis taż-żona residenzjali. Il-kunsill qabel mal-evalwazzjoni skont dawk ir-rekommandazjonijiet qabel li għandhom jerġgħu jinħargu t-tenders.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Is-Sindku nforma li wara li saret laqgħa oħra dwar L-Attivitajiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena intbagħt kopja tal-kuntratt lil Kunsilliera kollha. Is-Sindku rega ta' ukoll id-dettalji kollha. Kien hemm qbil dwar dan l arrangament.

1.2 Is-Sindku nforma li wara li beda l-iskavar f'Peacock Garden instabu xi 'casemates'. Qed isiru diskussjonijiet mas- Superintendence of Cultural Heritage biex jigu nkorporati fil-proġett.

1.3 Is-Sindku nforma li kien nfurmat li ser toħrog il-ligi l-ġdida dwar il-karrozzini.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku nforma li l-Kunsill ifformula l-Bye law dwar il-ġbir ta' l-iskart min stabbilimenti ta' l-Ikel. Il-Kunsill ser jippreżenta d-dokument lid-dipartiment biex jiġi ppublikat. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.2 Is-Sindku nforma li rċieva talba mill-Iskola ta' Sant Iermu biex il-Kunsill jgħin fix-xiri ta' materjal audioviżiv għat-tfal. L-Ammont huwa ta' 726.73 euro. Il-Kunsill qabel li għandha tingħata din l-għajnuna.

2.3 Is-Sindku nforma li rċieva offerta min għand it-Teatru Manoel biex f'Jannar isir kunċert b'xejn f'xi Pjazza fil-Belt. Il-Kunsill qabel dwar dan pero talab aktar informazzjoni.

2.4 Is-Sindku nforma dwar ix-xogħolijiet li qed isiru fil-House of 4 winds. Il-Pjan hu li ser isir uplifting taz-zona hdejn il-funtana u resurfacing tat-tarmac bhala hlas ghal-permessi. Il-Kunsill qabel dwar dan. Il-Bank talab li l-parti fejn hemm il-kolonna tohrog barra mil-perimetru tal-gnien. Qed isiru ddiskusjonijiet u meta jigu finalizzati jingħata aktar dettalji lil Kunsill.

2.5 Is-Sindku nforma lil Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Mattia Preti Hotel. Il-Perit Chris Briffa kien għamel emenda f'isem il-Kunsill minajr l-ebda konsultazzjoni mal-Kunsill u ghalhekk il-Kunsill qabel li dan l-attegjament mhux accettabli. Il-kunsill iddiskuta l-applikazzjoni u hass li wara li qies ix-xewqat tar-residenti, wara li ikkunsidra li il-pitch tal-waterpolo se jitranga fil-progett ta'Marsamxett, u anka minhabba il-fatt li dik iz-zona qed tigi ikkunsidrata ghal progett tal-V18, ghalhekk kien hemm qbil unanimu li ic-cirkustanzi kienu inbidlu u allura ma kellux ghalfejn ikompli bl-applikazjoni. Minhabba f'hekk il-Kunsill qabel li l-applikazjoni tigi irtirata. Kien hemm qbil ukoll sabiex il-Kunsill jahdem fuq il-proposata tal-V18 sabiex iz-zona kollha tigi rigenerata.

2.6 Il-Kunsillier Buontempo propona li jiġu premjati dawk l-għaqdiet li din is-sena rebħu xi unur. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir għal żmien Il-Milied.

2.7 Is-Sindku nforma li wara l-Executive Meeting li sar fi Gmundt gewwa l-Awstrija il-Kunsill rebaħ il-Presidenza tal- European Walled Towns, fejn il-Viċi Sindku Joseph Spiteri nħatar il-President u s-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill inħatret is-Segretarja Generali għat-tlett snin li ġejjin. Il-Kunsill kollu feraħ lil Vici Sindku u lis-Segretarja eżekuttiva.

2.8 Is-Sindku nforma li t-tenders tal-ġbir ta' l-iskart taċ-ċentru kummerċjali w dak residenzjali kienu lesti u s-Segretarja ppreżentathom waqt il-laqgħa tal-Kunsill qabel ma ġew ippublikati. Is-Sindku spjega kif inhu propost li jsir l-ġbir ta' iskart kif ukoll l-issues li għandu l-kunsill bl-iskips. Sar qbil li l-iskips jitbattlu sa massimu ta' 3 darbiet kull jum u jinħaslu b'mod regolari barra mil-konfini tal-Belt. It-tenders il-ġodda ser jigu evalwati mill-kwalita tal-makkinarju, l-kwalita tas-servizz u diversi kriterji oħra. Is-Sindku propona wkoll li jingħataw punti lil dawk il-kumpaniji li ser jippreżentaw Eco friendly skips fit-tender. Il-Kunsill ħareġ ukoll tender tat-tindif taż-żona residenzjali. Saret ukoll diskussjoni fid-dettal dwar dan ukoll. Il-Kunsill qabel li t-tenders jigu evalwati min Chris Pullicino biex l-evalwazzjoni tkun indipendenti mill-Kunsill. Ir-rapport imħejji min Chris Pullicino jigi preżentat waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 3. KORRISPONDEZA

3.1 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-Konsulat tar-Republika Ċeka biex isir monument f'Hastings Garden. L-Kunsill qabel dwar dan.

3.2 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Sindku tar-Rabat Sandro Craus dwar il-parkeggi. Għal din il-Laqgħa mar il-Minority Leader Raymond Azzopardi.

3.3 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Green MT biex issir laqgħa dwar il-kuntratt il-ġdid għas-sena 2013-2014.

3.4 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand il-Kap ta' l-Oppożizzjoni biex jirringrazzjah għal ħidma u s-sehem fil-Korteo funebri u l-funeral ta' Ex- Prim Ministru Dom Mintoff.

3.5 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-Ambaxxata ta' l-Awstrija biex jirringrazzja lis-Sindku għal ħin li ddedika għal grupp ta' Sindki min l-Awstrija.

3.6 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Trattoria Omerta' dwar il-problema li qed jaffaċja biex jiftaħ il-ħanut tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandu jsir double yellow line biex l-ħanut ikun aċċessibli. Jekk ikun hemm aktar problem jigu ntallati bollards.

3.7 Il-Kunsill rċieva korrispondenza dwar Imjieg inklussiv fil-Komunita'. (Memo 35/2012) Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa f'din l-iskema.

3.8 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand min għand il-persuna li tieħu ħsieb il-Kappella ta' Santa Luċija. Dan talab biex isiru 5 tappieri biex ikun jista' jarma l-arbli għall-festa li ġejja li ssir bejn it-3- 13 ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 4. DIKJARAZZJONI

4.1 Is-Sindku qara dikjarazzjoni li bgħat il-Minority Leader Raymond Azzopardi li kienet iffirmata minnu biss pero li kiteb f'isem il-Kunsillieri Valerie Borg u Mario Camenzuli.

Il-Kunsill qabel li l-Minuti qed jintbgħatu tajjeb gurnata qabel. Il-Kunsillieri preżenti tkellmu dwar kif fil-passat il-minuti kienu jingħataw fl-istess gurnata w l-Kunsillier Azzopardi qatt ma kellu problema.

Il-Kunsillieri preżenti kkundanaw l-aġir tal-Kunsillier Azzopardi fir-rigward tas-Segretarja Ezekuttiva.

## 5. AMMINISTRAZZJONI

5.1 Wara li fil-laqgħa preċedenti l-Kunsillier Azzopardi għamel diversi allegazzjonijiet fuq il-Kuntratt tal- Green MT, is-Segretarja bgħatet korrispondenza lil Green MT. L-Avukat tal-Green MT irrisponda w ċaħat l-allegazzjonijiet tal-Kunsillier Azzopardi.

5.2 Is-Segretarja preżentat l-artikli li dehru fil-gazzetta l-orizzont fejn spegat u ipprezentat id-dokumenti biex l-argumenti kollha ġew irribattuti. Fosthom dwar li l-agenda ma tasalx fil-ħin, informazzjoni qarrieqa dwar l-aġir tas-Sur Ernest Tonna, dwar il-Management Letter, l-Kas tal-Klabb tal-football tal-Belt fost l-oħrajn. Il-Kunsill ikkundanna dan l-artiklu.

5.3 Is- Segretarja rreferiet għal *Facebook page* tal-Kunsill għal emails kontinwi min għand il-monitoring unit tad-dipartiment dwar tneħħija ta' persuna mill-Page tal-Kunsill. Dan sar minħabba li dehru xi kummenti u gew posted artikli malfamanti min persuna mhux residenti l-Belt Valletta. Kif tkellimna f'laqgħat preċedenti l-iskop ta' din il-paġna huwa ta' wieħed informattiv u għaldaqstant talbet li l-informazzjoni provduta għandha ssir biss mill-Amministraturi ta' din il-paġna. il-Kunsill qabel dwar dan.

5.4 Is-Segretarja preżentat l-ispejjes għax-xahar ta'Awwissu u Settembru w spjegat l-infieq kollu.

5.5 Is-Segretarja preżentat fuq il-mejda l-listi bil-granet tal-Leave ta' l-impjegati w saqsiet jekk xi ħadd mill kunsillieri kellhomx xi mistoqsija dwar il-leave. Il-listi jinżammu mis-segretarja minħabba ragunijiet data protection.

5.6 Is-Segretarja preżentat fuq il-mejda l-Travel Reports tal-Kunsillieri u l-Istaff ta' kemm ilha fil-pożizzjoni. Dawn id-dokumenti jinżammu għand is-segretarja minħabba ragunijiet ta' data protection.

5.7 Is-Segretarja reġgħet preżentat fuq il-mejda l-Management Letter u risposa flimkien ma' l-irċevuta mid-dipartiment li r-risposta waslet fil-ħin. Is-Segretarja nfurmat li min jixtieq jara l-Management letter jista' jara fl-uffiċċju tagħha. L-ebda parti mill-Management Letter ma tista tiġi użata għal skopijiet oħra għajr għal informazzjoni personali tal-Kunsillieri.

5.8 Is-Segretarja għamlet talba lil kunsill biex l- uffiċċju magħmar b'cameras tas-sigurta u tinbidel il-lock tal-bieb tas-segretarja. Dan minħabba s-serħan tal-moħħ wara li kienet agredita darbtejn. Anke l-istaff ikollu serħan tal-moħħ. Il-Kunsill qabel dwar dan.

5.9 It-Town Centre Manager Matthew Carbonaro nforma li ser isiru 4 kunċerti fil-Belt Valletta. Dawn il-Kunċerti ser isiru fil-knejjes tal-Belt. Qed isiru d-diskusjonijiet mal-Kappillani kkonċernati biex isir qbil dwar id-dati. L-ewwel wieħed ser isir nhar is-Sibt 3 ta'Novembru fil-Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvu u ta' San Duminku. L-Ispejjes huma minimi peress li qed ingibu sponsors għal dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill qabel dwar dan.

5.10 It-Town Centre Manager Matthew Carbonaro nforma li ser issir fun-day għat-tfal tal-Belt fis-Salinos Ground fil-mid-term holidays. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**TMIEM**

Fis-7.30pm intemmet is-Seduta w aġġornat għat-6 ta' Novembru 20012.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku